MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 64/1993/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 64/1993G1(PC)**

Michelina mart Joseph Portelli .

vs

Loreto Demanuele ,
Giusepp Demanuele ,
Angelo Demanuele ,
Toni Demanuele ,

Maria mart Pawlu Spiteri ,
Giovanna mart Carmelo Meilak ,

Loreto Demanuele li b'degriet ta' April, 1993 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Francesca mart Ganni Xuereb, u

Francesco Grima ;

U b'degriet tas-27 ta' April, 2001 il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza ta' :

(a) <u>l-eredi ta' Francesco Xuereb u cioe' :</u>
Anthony Xuereb ,
Frank Xuereb ,
Carmen Borg ,
Marthese Vella ,
Mary Cutajar ,
Bernardette Bartolo ,
Joseph Xuereb .

(b) <u>L-eredi ta' Carmelo Xuereb u cioe' :</u>
Loreto Xuereb ,
Josephine Mifsud ,
Frangisk Xuereb ,
Stella Schembri ,
Maria Xuereb ,

(c) <u>L-eredi ta' Rita mart Pawlu Attard u cioe' :</u>
Benna xebba Attard ,
Maria mart Louis Refalo ,
Josette mart Grezzju Bonello ,
Carmen Borg .

(d) <u>Loreta mart Giusepp Mifsud .</u>

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet illi :

Illi Pietru Grima u martu Francesca Azzopardi mietu t-tnejn u hallew jissopravihom lit-tlett uliedhom Assunta Grima; Bernarda Xuereb u Toni Grima ;

Illi Toni Grima miet guvni, improle u intestat, u ghalhekk sehmu akkrexxa favur iz-zewg hutu l-ohra ;

Illi Bernarda Xuereb mietet u lil din wirtuha l-erbat uliedha Francesco Xuereb; Carmelo Xuereb; Loreta mart Giusepp Mifsud; u Rita mart Paul Attard; illi allura wirtu kwota ta' ottava parti kull wiehed mill-wirt tan-nanniet taghhom ;

Illi mal-mewt ta' Francesco Xuereb sehmu wirtuh is-sebat uliedu Anthony Xuereb, Frank Xuereb, Carmen Borg, Marthese Vella, Mary Cutajar, Bernardette Bartolo u Joseph Xuereb illi allura wirtu kwota ta' parti wahda minn sitta u hamsin (1/56) kull wiehed u wahda ; mentri mal-mewt ta' Carmelo Xuereb sehmu wirtuh il-hamest uliedu Loreto, Josephine Mifsud, Francis, Stella Schembri, u Maria Xuereb illi allura wirtu parti wahda minn erbghin (1/40) kull wiehed; mentri mal-mewt ta' Rita Attard sehemha waqa fuq l-erbat uliedha Benna, xebba, Maria Refalo, Josette Bonello u Carmen Borg illi allura wirtu kwota' ta' parti wahda minn tnejn u tletin (1.32) kull wiehed";

Illi Loreto Grima miet fit-tlieta (3) ta' Frar 1962, intestat u ghalhekk bhala l-eredi universali tieghu huwa halla lit-tlett (3) itfal uliedu u cioe' lil Carmela mart Carmelo Demanuele, Michaelina mart Joseph Portelli u lil Francesco Grima ;

Illi Assunta sive Maria Assunta armla ta' Loreto Grima mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 1992 bi tlett (3) testmenti – wiehed li sar ghand in-Nutar Giuseppi Cauchi tal-11 ta' Novembru, 1972, kif sussegwentament ammendat f'zewg testmenti ohra – wiehed tat-tnax ta' Frar 1974 (atti Nutar Giuseppi Cauchi) u l-iehor tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 1988 (atti Nutar Michael Refalo), hawn esebiti u markati bhala Dokumenti "A", u "B" u "C" ;

Illi skond l-istess tlett (3) testmenti hawn fuq citati, id-decis halliet legat tal-ghorfa markata bin-numru disgha (9), Gudja Street, Ghajnsielem, Ghawdex kif ukoll il-mandretta li hemm fiq it-tramuntana tal-istess ghorfa ta' xi nofs siegh lill-konvenut Loreto Demanuele, fil-waqt li bhala eredi universali taghha l-istess Assunta Grima halliet liz-zewg uliedha Michaelina mart Giuseppi Portelli, kif ukoll lil Carmela mart Carmelo Demanuele ;

Illi l-istess Carmela mart  Carmelo Demanuele mietet fis-sbatax (17) ta' Awissu 1992, intestata u ghalhekk bhala eredi universali taghha hija halliet lis-seba' (7) uliedha u cioe' lill-istess legatarju Loreto Demanuele, Giusepp, Angelo, Toni, Maria mart Pawlu Spiteri, Giovanna mart Carmelo Meilak u lil Francesca mart Ganni Xuereb ukoll ahwa Demanuele ;

Illi ghal hekk l-attrici Michelina Portelli imissha kwart indiviz mill-wirt tan-nanniet taghha, mentri lill-konvenuti Loreto, Giusepp, Angelo, Toni, Maria Spiteri, Giovanna u Francesco Xuereb ahwa Demanuele imisshom kwota ta' 1/28 (parti wahda minn tmienja u ghoxrin) kull wiehed u wahda ;

Illi l-attrici ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti u l-kjamati in kawza ghar-rigward tal-eredita' ta' Pietru Grima u Francesca nee' Azzopardi ;

Illi din l-eredita' tikkonsisti unikament fil-fond numru disgha (9) Triq il-Gudja, Ghajnsielem illi jirrizulta illi mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-eredita' ta' Pietru u Francesca konjugi Grima illum tispetta fi kwoti ta' kwart lill-attrici ; kwota ta' 1/28 (parti wahda minn tmienja u ghoxrin) kull wiehed u wahda lill-konvenuti Loreto, Giusepp, Angelo, Toni, Maria Spiteri, Giovanna, u Francesca Xuereb ahwa Demanuele; kwota ta' parti wahda minn sitta u hamsin (1/56) kul wiehed u wahda il-kjamati in kawza

Anthony Xuereb, Frank Xuereb, Carmen Borg, Marthese Vella, Mary Cutajar, Bernardette Bartolo u Joseph Xuereb ahwa Xuereb; kwota ta' patti wahda minn erbghin (1/40) kull wiehed il-kjamati in kawza Loreto, Josephine Mifsud, Francis, Stella Schembri, u Maria Xuereb ahwa Xuereb; kwota ta' parti wahda minn tnejn u tletin (1/32) kull wiehed il-kjamati in kawza Benna, xebba, Maria Refalo, Josette Bonello u Carmen Borg ahwa Attard ;

2. Tordna l-licitazzjoni tal-fond fuq imsemmi bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei, u prevja stima tal-istess fond ad opera ta' perit nominand, sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti hawn fuq elenkati .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. illi huma ma jopponux ghad-divizjoni mitluba purche' l-ewwel isiru l-verifiki tal-kwoti u tal-assi in divizjoni ;

2. Illi l-konvenut Francesco Grima jirriserva d-drittijiet kollha lilu spettanti bil-ligi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti minnhom mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Anthony Xuereb, Frank Xuereb, Carmen Borg, Marthese Vella, Mary Cutajar, Bernardette Bartolo, Joseph Xuereb, Loreto Xuereb, Josephine Mifsud, Frangisk Xuereb, Stella Schembri u Maria Xuereb (a fol. 148) li eccepew illi :

1. Illi huma ma jopponux ghall-qasma mitluba purche' jsiru l-verifiki tal-kwoti rispettivi tal-partijiet u tal-konsistenza ta' l-assi ereditarji .

Salvi eccezzjoniniet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess kjamati fil-kawza .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Loreta mart Giusepp Mifsud li eccepiet illi :

1. Illi hija ma toggezzjonax ghad-divizjoni mitluba purche' jsiru l-verifiki mehtiega .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Loreta Mifsud .
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza Benna xebba Attard, Maria mart Louis Refalo; Josette mart Grezzju Bonello; Carmen Borg ; (a fol. 153) li eccepew illi :

1. Illi l-esponenti ma humiex il-legittimi kontraditturi la tal-atturi u lanqas tal-konvenuti f'din ic-citazzjoni kif effettivament formulata u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huma ma ghandhom ebda interess guridiku, u lanqas qatt ma avvanzaw xi pretensjoni fuq il-mod kif ghandu jigi diviz il-wirt ta' Loreto Grima u Assunta Grima .

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-attrici jew xi hadd mill-konvenuti qeghdin jippretendu illi l-fond numru 9, Triq il-Gudja, Ghajnsielem jappartjeni esklussivament lilhom jew lill-assi ereditarji tal-genituri taghhom din ic-citazzjoni mhix il-metodu korrett li bih ghandha tigi avvanzata tali pretensjoni .

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, u bid-dikjarazzjoni cara u espressa illi din l-eccezzjoni qed tigi sollevata f'dan l-istadju unikament minhabba d-divjet kontenut fil-Kap. 12 illi jitqajmu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar avvanzat tal-kawza, lill-esponenti jirrizultalhom illi l-fond numru 9 Triq il-Gudja, Ghajnsielem kien jappartjeni lill-genituri ta' Assunta Grima, cjoe' Pietru Grima u Francesca nee' Azzopardi, u illi lil

dawn wirtuhom l-istess Assunta Grima flimkien man-nanna materna tal-esponenti Bernarda Xuereb, flimkien ma huhom iehor Toni Grima illi pero' miet guvni u intestat – tali mod u manjiera illi dan il-fond jappartjeni kwantu ghal nofs lill-attrici u lill-konvenuti bejniethom, u kwantu ghal nofs iehor lill-kjamati in kawza bejniethom . Ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw dan il-fond ma jistghux jigu milqugha kif dedotti .

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Benna Attard et debitament mahlufa minn Maria Refalo .

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Gunju 1993 fejn innominat lill-A.I.C. Albert Cauchi bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-kaz in kwistjoni .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku pprezentata fid-9 ta' Novembru 1994 u mahlufa fis-26 ta' Settembru 1995 .

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2003 fejn, fuq talba tal-kontendenti kollha ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni u t-talbiet bil-mod indikat, laqghet it-talba ghall-korrezzjonijiet mehtiega .
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza qed tintalab il-licitazzjoni tal-fond indikat fic-citazzjoni sabiex ir-rikavat ikun jista' jinqasam bejn il-kontendenti skond l-ishma rispettivi spettanti lilhom kif indikat fl-istess citazzjoni .

Dan il-fond zghir gie deskritt mill-perit tekniku nominat mill-Qorti fir-relazzjoni tieghu[1] . Certament mhux komodament divizibbli bejn daqstant komproprjetarji . Infatti dan jammettuh l-istess partijiet li mhux jitolbu d-

[1] Ara rapport peritali a fol. 56 u pjanta relattiva Dok. DPO a fol. 59 .

divizjoni tieghu imma li jinbiegh bis-subbasta . Il-valur tieghu ghall-iskop ta' din is-subbasta gie stabilit fis-somma ta' elfejn mitejn u hamsin lira maltija (Lm2250)[2] .

Billi t-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni saret mill-kontendenti kollha, dan ifisser illi jaqblu wkoll dwar il-kwoti rispettivi kif indikati fil-premessi u fl-ewwel talba ta' l-istess citazzjoni .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara illi l-eredita' ta' Pietru u Francesca konjugi Grima illum tispetta fi kwoti ta' kwart (1/4) lill-attrici; kwota ta' parti wahda minn tmienja u ghoxrin (1/28) lil kull wiehed u wahda mill-konvenuti Loreto, Giusepp, Angelo, Toni, Maria Spiteri, Giovanna u Francesca Xuereb, ahwa Demnauele; kwota ta' parti wahda minn sitta u hamsin (1/56) lil kull wiehed u wahda mill-kjamati in kawza Anthony Xuereb, Frank Xuereb, Carmen Borg, Marthese Vella, Mary Cutajar, Bernadette Bartolo u Joseph ahwa Xuereb; kwota ta' parti wahda minn erbghin (1/40) lil kull wiehed mill-kjamati in kwaza Loreto, Josephine Mifsud, Francis, Stella Schembri u Maria Xuereb, ahwa Xuereb; u kwota ta' parti wahda minn tnejn u tletin (1/32) lil kull wiehed mill-kjamati in kwaza Benna xebba, Maria Refalo, Josette Bonello u Carmen Borg ahwa Attard ; u

2. tordna l-licitazzjoni tal-fond bin-numru disgha (9) Triq il-Gudja, Ghajnsielem, Ghawdex, kif deskritt u stmat mill-perit tekniku l-A.I.C. Albert Cauchi fir-relazzjoni tieghu pprezentata fl-atti ta' din il-kawza, sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti kollha fil-kwoti hawn fuq elenkati .

L-ispejjez, billi din hija kawza ghad-divizjoni ta' beni pposeduti in komun, ghandhom jigu ssoportati bejn il-kontendenti kollha skond l-ishma rispettivi taghhom .

---

[2] ara l-isetss rapport a fol. 56 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------